# Kunsill Lokali Gżira

14 ta' Ġunju 2022

**Ref Nru. 45/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 45/2022 li saret l-Erbgħa 27 ta' April 2022

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficju tal-Kunsill fil-5.30pm.

**Preżenti**

Ħames membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit u Hugh Caruana, flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

il-Viċi Sindku Ralph Mangion, u il-Kunsillera Jeremy Cardona, Shaun Farrugia u Jessica Borg

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareg fl- 18 ta' Mejju 2022

**45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

45.1.1 L-Apoloġiji ġew moqrija.

**45.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il- 27 ta' April 2022 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

45.2.2 Paġna Nru.2 para 44.2.2 – Ħsara fil-Lift – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa għal aġġornament. L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li s-Service provider kellu xi diffikultajiet bil-parts u technicialn għandu jerġa dik il-gimgħa stess sabiex jerġa jagħmel spezzjoni oħra.

45.2.3 Paġna Nru.2 para 44.2.4 – Problema tal-Funerali – Il-Kunsiller N.Chetcuti innota li l-mobile signs inghataw lil Kappilan u is-sistema il-gdida qed tahdem, madana kollu ħass lil hemm bzonn ta sign ohra, fejn il-kunsill qabel li ssir. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinbidel it-tabella li hemm permanenti sabiex tirrifletti il-hinijiet il-ġodda u il-marki s-sofor għandhom jingħataw iz-zebgħa mil-gdid.

45.2.4 Paġna Nru.2 para 44.2.5 – Community Police – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa għal aġġornament. L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li wara li intbghatet l-ittra lil Ministru, kemm Kummissarju A.Gafa u kemm l-Ispettur Cilia inkarigat mil-Community Police ghamlu kuntatt mal-Kunsill. Ikkonferma ukoll li ser issir laqgħa ma l-ispettur Cilia fuq il-Comminity Police fl-1 ta' Gunju 2022

45.2.5 Paġna Nru.3 para 44.2.6 – Serviżż ta' Maintanance tal-laptops – Is-Sindku infurma lil Kunsill li l Kuntratt għal dan s-servizz ġie iffirmat. Is-sindku zied jgħid li ġie miftiehem u mizjud fil-kuntratt li meta jkun hemm bzonn ta tibdil ta parts, ir-resident iħallas tal part imma ma jħallas tal-labour. L-informazzjoni migbura ser tingħata lil-Kunsill kull xahar.

45.2.6 Paġna Nru.3 para 44.2.8 – Sleeping Police Triq Ponsomby – L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li saret l-applikazzjoni ma Transport Malta u il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni.

45.2.7 Paġna Nru.3 para 44.2.13 – Wifi tax-Xatt – L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li hemm router ix-xatt pero kiem hemm problemi teknici. Sar rapport lil-Melita, fejn għandhom jaraw x'inhi il-problema u jirrangawha.

45.2.8 Paġna Nru.5 para 43.3.5 – Maintanance tal-Ġnien – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil kunsill li tpoġġa skip fil-ġnien fejn il-ħaddiema ta' CWS

qed juzaw sabiex jitbattlu il-bins fil-ġnien. Is-Segretarja ifurmat lil kunsill li trid toħroġ call ghal quote sabiex isir tbezziex u xogħol iehor relatat fis-soft areas.

45.2.9 Paġna Nru.5 para 44.6.1 – Gbir tal-ħgieg – Is-Sindku informa lil-kunsill li l-GreenPak ma jaqbilx li tizdied ġabra ghaliex ma jħoss li hemm il-bzonn. Kemm is-sindku kif ukoll il-kunsill ma qabilx ma dan ir-ragunar. Għaldqastant il-kunsill qabel li jiffinanzja il-gbir iz-zejjed ghal xahar sabiex jara u jikkwantifika x'inhi d-domanda. Il-Kunsil iddiskuta ukoll ix-xiri ta l-organic bags, fejn qabel li il-kunsill jġib ordni ta elf roll mil-GreenPak u jevalwa d-domanda fil-laqgħat li jmiss.

45.2.10 Il-Kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 44 jiġu approvati. Il-Kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ.

## 45.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

45.3.1 Gnien Kunsill tal-Europa – Is-Sindku rega ikkonferma lil Kunsill li l-appell fuq l-ittra tal-Lands Authority sar il-qorti kif miftiehem. Fuq domanda tal-Kunsillier S.Farrugia, l-Agent Segreatrju Ezekuttiv ipprezentat il-pjanti il-ġodda tal-projett, fejn il-kapitenerija mhux sa tibqa fil ġnien. Il-Kunsill innota li l-ammont ta' parking ser jibqa l-stess.

45.3.2 Proposta ta' Roundabout fi Triq ix-Xatt – Is-Sindku ipprezenta pjanti ta' proposta fuq roundabout fi Triq ix-Xatt, fejn it-triq tkompli bil 4 lane. Il-Kunsill iddiskuta il-proposta u qabel li jagħmel objection għal din il-proposta, fejn ir-raġuni maġġuri hija li tali roundabout ser toħloq iktar traffic mhux tnaqqsu.

45.3.3 Aġġornament progett Triq Manoel de Vilhena/Carlo Manche – Is-Sindku ta' aġġornament fuq ix-xogħlijiet li qed isiru.

45.3.4 Public Convenience - Is-Sindku infurma lil kunsill li l-maġġoranza tax-xoghol lest pero il-kunsill għadu qed jistenna li jaslu il-partitions minn barra u jiġu installati. Rigward l-attendent, is-Sindku infurma lil kunsill li saret laqgħa ma' tal Bus Lounge fejn gie miftiehem li dan jieħu hsieb li jpoġġi persuna bi prova għal xahar. Is-Sindku kompla jgħid li l-Bus Lounge ser jiccarġja 50c ghal uzu tal-letrina lil pubbliku sabiex jifdi l-ispejjez tiegħu. Ser jerġaw isiru diskussjonijiet oħra wara x-xahar ta prova. Waħda mil-kundizzjonijiet f'dan il-qbil huwa li l-Public convenience ghandha dejjem tkun miftuha b'attendent, mingħajr attendent ma tinfetahx.

45.3.5 Kunsiderazzjoni ta kwotazzjonijiet – Il-Kunsill gie ipprezentat xi kwotazzjonijiet, fejn id-decizjonijiet tal-Kunsill huma dawn:

- Petizzjoni tal-Pompa tal-Petrol – Il-Kunsill iddecida fuq l-irhas kwotazzjoni li ingħata mingħand Lombardi Print

- Booklet tal-Kunsill – Il-Kunsill iddecida fuq l-irhas kwotazzjoni li ingħata mingħand Print Right Printers – 16 page
- AC tal-Boardroom u l hall – Il-Kunsill iddecida fuq l-irhas kwotazzjoni li ingħata mingħand CAS, fejn tinkludi tliet tikmamar; il-boardroom, il-hall u il-front office.
- Għamara għal Boardroom – Il-Kunsill iddiskuta il-quote fejn qabel li mil-imwejjed kollha li gew proposti, l-ahjar daqs huwa dak ta' 2.8m. Il-Kunsill ipporpona li qabel ma jikkonferma l-irhas fornitur, l-agent segreatrju exekuttiv ghandu jmur jara il-kwalita sabiex il-kunsill ikollu idea aħjar

45.3.6 Cameras ta l-Ufficju – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil kunsill li dawn baqaw ma gewx u li il fornitur infurma lil kunsill li hemm differenza fil-prezz. Peress li l-kunsill kien ilu li hareb purchase order fuq il-prezz kwotat, l-amministrazzjoni iddecidiet li tikkancella din l-ordni. Madanakollu, l-stess cameras instabu onlajn bl-istess prezz. Is-Segretarja talbet l-approvazzjoni fejn il-kunsill qabel, pero ta is-suggeriment li tigi ikkuntatjat il-kumpanija sabiex tigi mistoqsija tohrog invoice bhal ma jagħmlu fornituri oħra. Jekk il-kumpanija ma taccettax, l-amministrazzjoni xorta waħda għanda tmexxi bix-xiri tal-kameras.

45.3.7 Dwal tat-Toroq – Is-Sindku issuggerixxa li jinbidel id-dwal tat-toroq ghal Leds bojod, fejn tali progett għandu jsir mal-ministeru ikkoncernat. Is-Sindku ser ikellem lil ministru u jinforma b'aggornament fil-laqgha li jmiss.

45.3.8 Projett Parking Area – Is-Sindku infurma li l-perit jipprogetta f'din l-area jitħlu 150 karozza. Il-BOV lesti jitħlu għal dan il-progett imma peress li l-ispiza hija sostanzjali, hemm bzonn ta' businesses oħra li jitħlu ghal dan il-progett. Il-Kunsill qabel li irid ikun hemm ħinijiet stretti meta r-residenti jagħmlu uzu ta' dan il-parkegg. Il-Kunsill qed jikkonsidra ukoll il-possibilta ta ħlas għal uza ta' dan il-parkegg.

45.3.9 L'Insurance tan-nhar tal-banda – Il-Kunsill ġie ipprezentat b'quote ghal insurance, fejn il-kunsill qabel u approva.

45.3.10 Bulky Refuse Tender – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil kunsill li l-kuntratt li kellu il-kunsill skada, għalhekk l-amministrazzjoni qed taħdem sabiex tohrog call għal tender ieħor.

**45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

45.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

## 45.5 Rapporti

45.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

## 45.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

45.6.1 Il-Kunsillier N.Cetchuti semmgħa li hemm bzonn tintbghat ittra lil-Lesa dwar in-nuqqas ta' prezenda u infurzar fil-lokalita. Il-Kunsill qabel sabiex din l-ittra tintbaghat.

45.6.2 Il-Kunsillier N.Cethcuti qajjem ix-xoghlijiet li saru bla permess fi Triq ir-Rebħa. L-Agent Segretarju Exekuttiv ikkonfermat li dawn ix-xogħlijiet saru bla permess għaliex ġie ikkonfermat minn TM. Unanimament il-kunsill qabel li jitneħħew dawn l-irreġolaritajiet u minn għandu bzonnhom għandu japplika għal permess kif suppost.

45.6.3 Il-Kunsillier N.Cetchuti staqsa dwar il-Mini Van li jipprovdi il-MIDI. L-Agent Segretarju Ezekuttiv għanda tikkomunija mal-MIDI sabiex jagħti din l-informazzjoni lil Kunsill.

## 45.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

45.7.1 Il-Kunsillier N.Checuti staqsa dwar il-pagament ta' Panta, fej is-segretarja ikkonferma li dan huwa pagament ghal-lifter sabiex jittella l-outdoor unit ta' l- A/Cs.

45.7.2 Il-Kunsilliera H.Caruana staqsa dwar il-pagament ta' maintananceech. Is-Sindku qal li dawn huma spejjez li saru sabiex l-A/Cs l-antiki ġej imnattfa u installati ġewwa Savoy Gardens.

45.7.3 Il-Kunsilliera H.Caruana dwar l-ammont ta bolards li qed jinxtraw. Is-Sindku qal li dawn huma tal-plastic meta jinkisru jinbidlu minnufih. Kompla jgħid li jippreferi iħallashom il-kunsill milli ninfurzaw li jsiru minn haddieħor u jkun hawn kaos.

45.7.4 Il-Kunsillier A.Zammit ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier H.Caruana ssekonda.

**45.8 Mozzjonijiet**

45.8.1 Mozzjoni No. 01/2022 – Il-Kunsilliera A.Zammit u J.Borg tellaw mozzjoni sabiex din is-sena jerġa jibda jiġi organizzat il-festival tas-sajt. Id-Data allokata hija 3 ta' Settembru 2022. Il-Kunsill approva il-mozzjoni, fejn il-Kunsillier A.Zammit għandu jipprezenta l-idea ġodda għal dan l-avveniment.

**44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

44.9.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 9.00pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |